# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 20/01mm**

**Joe Gauci**

**vs**

**Nicola Romano**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u disgha u sebghin lira Maltin u tliet centezmi (Lm279.03) ghall-hlas ta' dawl u ilma kkonsumat mill-konvenut fil-fond 3, Triq il-Hgejjeg, Bugibba, waqt li l-fond kien mikri lill-konvenut bejn is-7 ta' Dicembru, 1995, u is-7 ta' Gunju, 1999.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-26 ta' Ottubru, 2000, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-27 ta' Frar, 2001, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.